MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 43/2004

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
EUGENIO BRIFFA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Eugenio Briffa ta' 44 sena iben Francesco u Maria nee Saliba imwieled Zejtun fit-16 ta' Frar 1959 u residenti Tiziana, Triq l-Armier l/o Zejtun u bin-numru tal-identita 143259M talli f'dawn il-gzejjer fis-22 ta' Novembru 2003 minn gewwa ir-residenza bl-isem Olicana sitwata fi Triq il-Kajarun l/o Madliena ikkommetta serq ta' air conditioning unit mudell Westpoint ghad-dannu tas-sid Kathleen Rose Schloss ID 172854M liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix Lm500, u bil-persuna. Dan kollu bi ksur tal-artikoli 267 u 268(d) rispettivament tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-22 t'April 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fl-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 267 u 268(d) tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------